Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 36 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Elliott Magro

Vs

Keith Cremona

Illum 30 ta' Mejju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Keith Cremona, detenur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 530687 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-sitta (6) t'Awwissu 2016 ghall-habta tal-11:55 ta' filghodu, gewwa Triq il-Ferrovija, Santa Venera:

1. Ikkometta serq ta' 'pouch' bi flus kontanti, minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP-304 tal-ghamla Ford, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94Euros), izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bix-'xorta tal-haga misruqa', ghad-dannu ta' Vincent Camilleri u Grazio Camilleri u/jew ta'xi persuna, persuni, entita`

u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u fil-granet sussegwenti, kiser il-Liberta` Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fid-digriet tieghu datat 18 ta' Lulju 2011, dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnatlu li jaghmel mill-istess Qorti;

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Vincent Camilleri u Grazio Camilleri u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wkoll giet mitluba tittratta ma' Keith Cremona bhala recediv ta' sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skont il-Ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bih Keith Cremona nghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputat kif ukoll tordna li s-somom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 383, 384, 385, 412C, 579, 533, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Keith Cremona hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u wara li rat l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat ghall-piena ta' sena (1) prigunerija sospiza ghal sentejn (2), u kif ukoll il-Qorti ordnat li s-somma ta' ghaxar t'elef ewro (€10,000) taht garanzija skont id-digriet tal-helsien mill-arrest, datat 18 ta' Lulju 2011 jigu kkonfiskati favur il-Gvern ta' Malta.

Finalment il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tar-recidiva stante li ma gietx ippruvata.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Keith Cremona, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriformha s-sentenza appellata billi, tikkonfermha fejn sabitu mhux hati u cjoe, dwar l-akkuza li irrenda ruhu recediv, filwaqt li thassarha u tirrevokha fejn sabitu hati u cjoe, fuq l-ewwel u t-tieni akkuzi u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena.

Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternittivament, tirriformha fil-parti ta` piena nflitti mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravji huma s-segwenti:

L-appellant primarjament ghandu jinstab biss hati fil-kamp penali kemm il-darba il-prosekuzzjoni tipprova l-akkuzi fil-livell ta` lil hinn minn dubbju ragonevoli; hawn ad fol. 6 tas-sentenza, l-Ewwel Qorti tikkwota x-xhieda ta` Vincent Camilleri u cjoe:

*"Mistoqsi jekk rax lil imputat jitla fil-gabina tat-truckk jghid li ma kienx hemm x'hin serqu lil missieru. Jghid li bejn meta ra lil imputat sakemm cempillu missieru kienet ghaddiet cirka siegha"*.

Illi jsegwi illi ix-xhieda tat-tieni xhud 'okulari' prodott mill-prosekuzzjoni u cjoe Grazio Camilleri, waqt il-kontro ezami mid-difiza ikkonferma illi lil appellant jafu ghax jkun fl-inhawi kif gia spjegat iktar qabel. Jghid illi min effettivament rah jigri kien jixbhu fl-istatura u kien liebes hood bhal dawk wzati fix-xita, u kien meta wiehed terza persuna li qatt ma kien prodott bhala xhud fil-kawza, qallu lil xhud jekk dahhalx impjegat jghinu b'sarkazmu ghax skond dan il-persuna misterjuza l-appellant kien ta` min joqghod attent minnu.

Izda jsegwi illi, xhud ma rax lil hadd jitla fil-gabina filwaqt illi l-appellant hadd ma rah b'certezza jiehu il-flud misruqa. Ipotetikament peress illi kien taht garanzija personali u depoziti f'kawzi pendenti, l-appellant jista jkun illi ra persuna ohra tisraq

il-pouch u jew telaq lil hemm jew kien diga telaq u ma ra xejn jew beza ghax haseb li seta jwahhal fih galadarba kieku hekk sehh fil-verita kien qieghed jara kollox meta xi hadd seraq il-flud billi tela fil-gabina tat-truckk!!;

Dan huwa aggravju ta` certu delikattezza u dan ghax jsegwi l-argument illi jekk persuna tkun tinstab fi triq fejn issehh serqa jew reat iehor, u dan jsehh minn terzi, allura jsegwi illi il-fatt biss illi persuna akkuzata u b' liberta provvisorja tkun qatt ma tista thossa sigura jekk tinserta barra triq ma jmurx isir reat u tehel hi sic et semplicit!!;

Fil-kamp penali taghna ghada treggi il-livell ta` prova u ergo dik maghrufa bhala beyond reasonable doubt li fil-kaz in ezami certament ma treggiex.

Illi aggravji ohra pertinenti huma segwenti punti ta` procedura penali:

L-**Artikolu 579 (2**) li bih l-appellant huwa akkuzat wkoll, jipprovdi illi flimkien mas-sub. Paragrafu tal-istess artikolu u cjoe sub-paragrafu (3), persuna trid tigi mressqa b'arrest akkuzata bil-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta provvisorja meta din tkun naqqset li tidher meta mharrka jew inhbiet, u tkun taht kundizzjonijiet mposti minn Qorti fi proceduri penali.

Issa jsegwi illi, l-appellant diga kien tressaq b'arrest nhar l-10 t' Ottubru 2018 u il-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Joe Mifsud wehlitu 6 xhur prigunerija meta l-istess appellant kien akkuzat bi ksur tal-istess kundizzjoni mposta fuqu fis-sena 2011 u cjoe fejn kellu garanzija personali ta` 10,000 euro bhala kundizzjoni minnhom tal-bail.

Illi dak inhar l-ispettur Joseph Mercieca kien akkuza lil appellant illi inheba ghal diversi xhur illi naqas li jiffirma il-'bail book' kif rikjest u naqas b'hekk illi jidher meta kien suppost jkun prezenti waqt kawzi pendenti. Fl-istess akkuza, l-imsemmija 10,000 euro kienu nkluzi u gew mitluba sabiex jkunu ikkonfiskati ad favur il-Gvern Malti, IZDA, il-Qorti iddecidiet illi tinfliggi piena ta` sitt xhur prigunerija fuq l-appellant kif wkoll tatu multa ta` 2400 ewro u naqqset milli tordna konfiska tas-somma msemmija. B'hekk japplika il-principju ta` ne bis in idem, filwaqt illi, il-prosekuzzjoni ma tistax takkuza quddiem Qrati diversament preseduti persuna bl-istess akkuzi dedotti gia kontrih.

Illi hawn l-appellant gia kien diversi drabi mressaq b'arrest akkuzat illi naqas li jiffirma jew inheba, u dan kif spjegat gia quddiem il-Qorti Kriminali, kagun ta` kundizzjoni medika illi minnha jbati l-appellant. Ezempju ta` dawn id-drabi huma: l-appellant fl-20 ta` Settembru 2016 tressaq b'arrest quddiem il-Mag Drs Josette Demicoli LL.D akkuzat illi kiser l-kundizzjonijiet mposti fuqu nhar is-7 ta` Mejju 2005: hawn il-Qorti ordnatlu ri-arrest u ikkundannatu 6 xhur prigunerija ohra. Nhar is-17 ta` Lulju 2017, l-appellant rega kien mressaq b'arrest quddiem il-Magistrat Drs. Natasha Galea Sciberras LL.D u rega kien riarrestat apparti piena nflitta fuqu ta` prigunerija. Dawn il-fatti jistaw jkunu ikkonfermati mid-Direttur Registru Kriminali kif wkoll mid-Direttur jew rapprezentant tieghu tal-Facilita Korrettiva ta` Kordin;

Jsegwi illi: persuna trid tigi akkuzata darba biss bl-istess reat. Anka waqt il-morti tal-kawza appellata, l-appellant rega kawza tac-cirkostanzi partikolari illi mhux kapaci jifhem eghmilu, (spejgata waqt trattazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali fejn inghatalu kundizzjoni ta` liberta provvisorja sussegwenti), ghamel perjodu jonqos milli jiffirma, izda, il-kundizzjoni reali illi l-appellant kellu bhala bail condition fil-kawza appellata, kienet ta` 1000 euro depozitu u, 5000 euro garanzija personali. Izda dawn qatt ma ssemmew mill-prosekuzzjoni waqt il-mori fl-istess proceduri appellati;

Illi jsegwi illi il-prosekuzzjoni kellha takkuza lil appellant permezz ta' akkuza ancillari u seperati minn dawk appellati u cjoe tas- serq aggravat, b'referenza ghal ksur tal-kundizzjonijiet mposti fuqu minn *bail conditions*! Dan skond kif ipprovdut fl-**Art. 579 (1) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi jirrizulta illi l-appellant ma kienx akkuzat li kiser l-**art. 579 (1) tal-Kap 9** u lanqas ma kienu osservati il-proceduri ipprovduti fl-istess sub artikolu.

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti mill-avukati difensuri tal-partijiet ( fol. 79) u cioe li " b'referenza ghat-tieni akkuza u cioe li l-appellant gja skonta is-sentenza li kienet inghatat lilu mill-MAgistrat Antonio Micallef Trigona fit-18 ta' Lulju, 2011 fejn il-garanzija personali ta' ghaxart elef euro (10,000) li kien ta l-istess appellant bhala kundizzjoni meta inghata l-liberta provisorja giet konvertita f'terminu ta' prignerija u dan permezz ta' sentenza li inghatat mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud nhar l-10 ta' Ottubru, 2012.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-30 ta' April 2019.

Ikkunsidrat.

**Vincent Camilleri** xehed nhar l-4 ta' Ottubru 2016 fejn dan kkonferma li fis-6 ta' Awwissu 2016 kien ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal -Hamrun u kien irraporta li dak in-nhar fil-ghodu ghall-habta tat-8.30 jew id-9.00a.m kien hdejn missieru u ra lil Keith Cremona li gharaf bhala l-appellant idur mat-truckk tal-gas taghhom. Ghall-habta tal-10.30 jghid li telaq minn hemm u ftit wara kien cempillu missieru qallu li kienu serquh. Jghid li huwa kien gja informa lil missieru biex joqghod attent ghaliex dan ir-ragel ma kien qed ighogbu xejn hemmhekk. Stqar li sahansitra anke kien dahal taht it-truck taghhom. Jghid ukoll li missieru qallu li kienu serquh u li gera wara l malvivent u kien kwazi qabdu.

Mistoqsi in konro esami jekk jafx lill-akkuzat illum appellant jghid li jafu mhux ghax joqghodu vicin izfa jafu minn wiccu. Qal li jaf li joqghod Santa Venera u huwa iqassam il-gas bit-truck Santa Venera. Dak in-nhar tas-serqa jghid li kienu bit-truck iqassmu l-gas lin-nies li jigu ghalih bil-vettura taghhom. Ghalhekk spjega li t-truck ikun ipparkjat u huma iqassmu ic-cilindri. Mistoqsi jekk kellimx ill-appellant dakinhar li rah jghid li le u spjega li appena rah qam minn taht it-truck u nizel 'l isfel. Imbaghad huwa ghamel xi nofs siegha ohra ma missieru u wara telaq iqassam ix-xoghol b'van zghir u halla lil missieru bit-truck fejn kien ipparkjat.

Mistoqsi kemm ghadda hin minn meta ra lill-appellant u cempillu missieru jghid xi siegha.

**Grezzju Camilleri** xehed nhar l-4 ta' Ottubru, 2016 u spjega li kien nhar is-6 ta' Awwissu 2016 mar jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun. Spjega li dakinhar filghodu ra guvni idurlu mat-truck. Qal dakinhar mar ighin lit-tifel iqassam il-gass hdejn l-isptar ta San Filip f'Santa Venera. Qal li kienu ipparkjaw it-truck jistennew lin-nies biex iqasmu ic-cilindri. F'xi hin ighid li mar l-akkuzat li gharaf fl-Awla bhala Keith, illum appellant u dan dahal taht it-truck biex johdilom il-pyerenes izda ma irnexxilux ghax marbutin, imbaghad mar fil-genb tat-truck. Dak il-hin mar ragel jixtri cilindru tal-gass u qallu "*Mela ghandek l-ghajnuna illum*" u dan qallu "*x'ghanjnuna hi*" u dan wiegbu "*dak t'hemmhekk*", Qallu " *dak hsiebek hemm minnu ta'*" u telaq 'l hemm. Jghid ukoll li rah jidhol f'ghalqa jew speci ta' mizbla u wara telaq.

Ghal habta ta' nofsinhar kien qed jaghlaq il-gaggeg tac-cilindri tal-gass u kif qed idur minn wara hekk ra il-bieba tan-naha ta l'isterring tinghalaq u ra persuna tigri 'l fuq bil-pouch f'idejha. Qal li din il-persuna bdiet tigri 'l fuq qasmet bl-addocc gol-karozzi. Mistoqsi lil min ra jigri jghid li ra lil Keith Ccremona u mar jigri warajh u qallu "tini dak il-puch" u dan hares lejh u wara dahhal idejgh fil-pouch ha l-elf u sebgha mija li kien hemm go fih, ramielu l-pouch fin-nofs tat-triq minn fejn kienu ghadejjin il-karozzi u prorpju fi Triq San Gorg f'Santa Venera. Qal li rah jiehu l-pouch minn got-truck. Qal li l-bieba tkun maghluqa izda mhux imsakkra. Qal li appena ra lil Keith jiehu l-pouch telaq jigri warajh. Il-flus ma humiex tieghu izda ta' ibnu. Qal li ghall-ewwel beda jigri imbagahd beda jimxi u lahqu, u messlu spalltu hares lejh u dan inhasad.

Mistoqsi x'kien liebes jghid lil kellu hood sewda pero formanti parti mill-flok. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Keith Qabel ighid li le pero' jaf liz-zijiet tieghu. Mistoqsi jekk gharafx li persuna li ramiehielu l pouch fit-triq jghid li gharfu ghaeix kien rah qabel madwar it-truck u meta waqfu dan baqa' ihares lejh cass.

In kotro ezami jghid li dakinhar tas-serqa l-appellant kien mar hdejhom kmieni. Mistoqsi jekk jafx li fi-madwar il-familja ta' Keith ghandha ghalqa ighid li jaf. Pero' jghid li ma kienx hdejn l-ghalqa izda hafna 'l fuq mill-ghalqa hdejn l-ispar. Dak il-hin wiccu ma kienx mghotti izda wiccu kien mghotti meta gera warajh ghall-habta ta '11.50pm' meta kien qed qed ipoggi ic-cilindri f'posthom. Qal li dakinhar l-appellant ghamel mal-erbgha sieghat ghassa mat-truck tieghu. Fl-ebda hin ma qallu "*x'ghandek bzonn*" ghax kien mohhu biex jaqdi lin-nies.

**PS 827 Edward Grech** xehed nhar it-28 ta' Novembru, 2016 kkonferma li nhar is-6 ta' Awwissu 2016 ghall-habta tal-12.15p.m kienu marru jirraportaw certu Grezzju Camilleri u ibnu Vncent Camilleri li waqt li kienu qed ibieghu ic-cilindri tal-gass fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera hdejn l-isptar ta' San Filip, Grezzjo kien qed jirranga xi cilindri tal-gass u lemah ragel diehel min naha tal-passigier fil-kabina waqt li libes skufja. Qal li dan kellu tpingija ma idejgh u hadlu l pouch tal-flus u harab jigri. Kif ra hekk ipprova iwaqfu u ma irnexxilux biss aktar tard sab il-pouch mormi lejn it Triq il-Blata l-Kahla, Santa Venera stess. Dan qalilhom li l-pouch kien fih elf u hames mitt euro (€1,500) jew elf u sebgha mitt euro (€1,700) u gibdilhom l-attensjoni li dakinhar stess filghodu kien lemah lil certu Keith Cremona. Qallhom li dan kien mar hdejn it-

truck tieghu flimkien ma tfajla u beda jdur madwaru u kif gharaf il-persuna dan telaq minn fuq il-post.

Huma ghalhekk marru fuq il-post u bdew l-nvestigazzjoni taghhom biex ifittex lil dan Keith Cremona li dak iz-zmien kien jiffirma l-ghassa tal-pulizija tal- Belt. Huma ghaddew messag biex meta Keith imur jiffirma izommuh izda gie infurmat li Keith kien ilu xi sitt xhur ma jmur jiffirma. Inghataw indirizz iehor gewwa Santa Venera u meta marru ifittxuh hemmhekk ma sabuhx.

**PC 1322 Carl Vella** xehed nhar it-28 ta' Novembru, 2016 jikkonferma li Grezzju kien mar jghamel rapport ma ibnu Vincent pero' spjega li dan Grezzju kien qalilhom li ghall-habta tal-11.55 ra lil Keith Cremona jdur fl-inhawi u ghall-habta tal-11.55 rah jahtaflu l-*pouch* minn gol-karozza u jitlaq jigri. Grezzju mar jipprova jigri warajh u fil-pront rema l-*pouch* u baqa' sejjer direzzjoni lejn Santa Venera. Qal li kull ma ghamel kien li dahhal ir-rapport ghaliex l-investigazzjoni saret mis-surgent. Muri id-dokument markat bhala dok EM4 jghid li dan hu r-rapport tieghu. Zied jghid in kontro esami li Grezzju Camilleri qallu li kien jaf lil Keith Cremona. Mistoqsi jekk xi hadd kellimx lit-tfajla ta' Keith Cremona ighid li hu ma kellimhiex.

Ikkunsidrat.

Illi d-difiza qed issostni fir-rikors tal-appell taghha li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta iddikjarat lill-appellant hati taz-zewg akkuzi addebitati fil-konfront tieghu. Din il-Qorti sejra tittratta iz-zewg akkuzi b'mod separat u distint. Fir-rigward tal-ewwel akkuza id-difiza issostni li l-appellant ma kellux jisnab hati tal-akkuza ta' serq ghaliex filwaqt li huwa minn li ghamel xi zmien fl-istess triq fejn kienhemm it-truck ipparkjat dan ma jfissir xli kien hu li seraq il-pouch. Fil-fatt jghid li Grezzju Camilleri in kontro esami ikkonferma li kaf lill-appellant ghax ikun fl-inhawi.." pero' jghid ukoll li " minn effettivament rah jigri kien jixbhu fl-istatura u kien liebes hood bhal dawk uzati fix-xita, u kien, meta wiehed terza persuna li qatt ma kien prodott bhala xhud fil-kawza qal lix-xhud jekk dahhalx impjegat jghinu b'sarkasmu ghax skond dan il-persuna misterjuza l-appellant kien ta min joqghod attent minnu."

Fil-fehma tad-difiza l-Qorti ma setghetx torbot htija fuq l-appellant peress li l-proseskuzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hin minn kull dubbju ragonevoli.

Min naha l-ohra l-Avukat Generali jghid li l-ewwel Qorti kient korretta fil-gudizzju taghha u dan ghaliex missier il-vittma, Grezzju Camilleri gharaf lil malvivent u dan ghaliex rah jigri bil-pouch, gera warajh, waqfu, dan hares lejh bcass fetah il-pouch ha il-flus u rema il-pouch. Ghalhekk ma hux minnu li l-prosekuzzjoni ma pprovatx l-kaz taghha lil hin minn kul dubbju u dan ghaliex il-malvivent intgharaf mill-vitma.

**Kunsderazjonijiet legali dwar i-prova rikjesa fil-kamp penali**

Illi l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm specifikat mod iehor fil-ligi, huwa tal-htija lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza taghha kontra l-akkuzat 'beyond reasonable doubt,' kif gie deciz fil-kawza "**<u>Pulizija vs Bugeja</u>**.[1] Illi min-naha l-ohra d-difiza, msahha bil-presunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat, tista' tibbaza u/jew tipprova l-kaz taghha anke fuq bilanc ta' probabbilita`, jigifieri jekk huwa probabbli li seta' gara dak li gie rrakkuntat mill-akkuzat kif korroborat mic-cirkostanzi jew le.

Illi dan ifisser li l-prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat oltre` kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragonevoli, il-prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Pulizija vs Peter Ebejer</u>**[2]" qalet illi:-

*"Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "**<u>Miller v. Minister of Pensions</u>**" [1974] 2 All E.R. 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Marzu 1987
[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru, 1997

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice*" [3].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** [4] il-Qorti sehqet illi: "*F' kull kaz, l-onus probandi f' proceduri kriminali huwa dejjem dak ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk, id-dubju u n-nuqqas ta' kjarezza tax-xiehda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tad- Disinn kellu jittiehed favur l-esponent u jilliberah minn kull akkuza.*"

Illi apparti minn hekk, kif professat mill-awtur **Manzini** - *onus probandi incumbit qui asserti*, u ghalhekk kien sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova lil hemm minn kull dubju dettat mir-ragun li l-appellant kien partecipi fis-serqaggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur ghad-detriment ta Vincent Camilleri, mertu ta' dan l-umli appell.

Illi l-proeskuzzjoni resqet lil Vincent Camilleri jghid li hwua safa vitma ta' serq u dan ghaliex insteraqlu l-pouch li kien fih is-somma ta' bejn elf u hames mitt euro u elf u semgha mitt euro minn got-truck tal-gas li kien bih missieru Grezzju. Grezzju min naha tieghu jghid ex admisses " *lil Keith Caruana* (u hawnhekk ried ifisser Cremona ghaliex ghamel referenza ghall-akkuzat) *mort nigri warajh ghidtlu…tini dak il-pouch…ghamilli ekk*" u l-Qorti staqsietu "*ghaillek hekk, hares lejk*" u Grezzju rega wiegeb "*Ehe, hares wahda hekk dahhal idejgh fil-pouch hadlu sbatax-il mija (€1,700), ramieli l-pouch fin-nofs tat-triq minn got-triq minn go qalb il-karozzi go Triq San Gorg Santa Venera* " Hawnhekk il-prosekuzzjoni staqsietu " *Jigifieri int qed tghid li rajt lil Keith jiehu xi haga, jiehu l-pouch minn got-trak, it-truck miftuh, maghluq kien*? …inti kif rajt lil Keith jew dinil-persuna tigri x'ghamilt" Grezzju iwiegeb mingharj esitazzjoni " *mhux mort nigri warajh, dawk il-flus mhux tieghi tat-tifel* ".

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li l-malvivent u cioe' l-appellat intgharaf minn missier il-vittma. Id-difiza tripprova ixxejjen din ix-xhieda bili tghid li Grezzju qal "li kien jixbhu fl-istatura". Meta l-prosekuzzjoi staqsiet lil Grezzju "Sewwa din il-persuna x'kien libes?" b'referenza ghal Keith Grezzju iwiegeb li kien libes hood pero' wiccu

[3] 373-374
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' April tas-sena 2015

kien mikxuf tant li jghid li meta waqfu dan hares lejh u inhasad. Imkien ma jghid li l-malvient jixbah fi satura lil Keith Cremona izda jghid li kien Keith Cremona, li gie wicc imb'wicc meighu meta kellu f 'idejh il-pouch tieghu, rah jiehu l-flus minn go fiha u appuntu jghid li kien hemm l-ammont ta' elf u sebgha mitt uero (€1,700) u rah jarmi l pouchf'nofs ta triq.

Ghalhekk ma hemmx dubbju kif tajjeb iddecidiet l-ewwel qorti li kien l-appellant li seraq il-pouch minn got-truck ta' Vincent Camilleri u seraqlu is-somma ta' elf u sebgha mitt euro ( €1,700). L-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn pero' una volta din il-Qorti hija rinfaccjata b'din ix-xhieda li ma gietx kontra detta ifisser li dak misqarr huwa minnu. Ghalhekk kemm is-serqa kif ukoll l-aggravju tal-ammont u tan-natura tal-haga msiruq jirrizultaw ipprovati.

Dwar it-tieni akkzuza u cioe' li kiser il-liberta provisorja billi naqas li jhares kundizzjonijiet li gew impsoti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-digriet tieghu tat-18 ta' Lulju 2011 jidher li skond il-verbal tal-partijiet registrat fl-atti nhar it-30 ta April 2019 jidher li l-appelalnt gja gie trattat ghal tali ksur fejn sahansitra il-garanzija personali ta' ghaxart elef euro (10,000) giet konvertita' fi terminu ta' prigunerija u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza.

Dwar l-piena.

Il-Qorti rat li l-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' prigunerija ta' sena sospiza ghal zmien sentejn bl-applikazjoni tal-artikolu 28A tal- kodici kriminali peress li ma sabitux hati tal-akkuza ta' recidiva. Pero sabitu hati ukoll tat-tieni akkuza minn liema akkuza din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Issa skond l-**artikolu 279** tal-kodici Krimianli

*"Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –*

*(a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minnelfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa utletin ċenteżmu (2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin";*

Waqt li l-artikolu 280 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:-

*"Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikunakkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhuxb'dik tal-"vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn majingħatawx fil-minimum tagħhom.*

Ghalhekk il-piena ta' l-ewwel akkuza hija ta' prigunerija ghal zmien hames xhur sa tlett snin izda ma tistax tinghata fil-minimum taghha.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti u minn esami ta' l-istess jirrizulta li dan diga insab hati inter alia talli kellu fil-pusess tieghu arma li taqta u bil-ponta minghajr permess tal-kummissarju tal-pulijza, tar reat ta' ricettazzjoni , talli kiser l-Ordinanza tat- traffiku, ta' numru ta' kotnravenzjonijiet u ta diversi serqiet fejn diga inghata sentenzi ta' prigunerija fost pieni ohra pero l-appellant ma tghallimx jisfrutta ruhu mill-opportuniatjiet moghtija lilu u ghalhekk fid-dawl ta' dan il-kwadru l-Qorti ma tarax li hemm raguni 'l ghala ghandha tbiddel il-piena moghtija mill-ewwel Qorti stante li din taqa' fil-parametri tal-ligi.

Ghalhekk din il-Qorti qiegdha tilqa' r-rikors tal-appell in parte billi qiegdha tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-htija fir-rigward – ewwel akkuza u fi rigward tal-piena moghtija ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn, u fir-rigward tal-liberazjoni fir-rigward l-akkuza ta' recidiva pero qeda tirrrforma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward it-tieni akkuza fejn sabitu hati taghha u tiddikarja li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur